# Il-Ftuħ mill-Ġdid tal-Iskejjel[1]

## Mistoqsija u Tweġiba

M L-iskejjel ser jerġgħu jiftħu?

T Iva l-iskejjel ser jerġgħu jiftħu.

M Meta se jiftħu ċ-Ċentri tal-Ħarsien tat-Tfal, il-Kindergartens u l-iskejjel Primarji?

T Dawn ser jiftħu b'mod normali nhar it-Tnejn 12 t'April 2021

M Kif u meta se jiftħu l-iskejjel Medji?

T Minn nhar it-Tnejn 12 t'Aptil 2021 l-iskejjel medji ser ikomplu bil-lezzjonijiet onlajn sa nhar it-Tlieta 13 t'April u jiftħu b'mod fiżiku nhar l-Erbgħa 14 t'April 2021

M Jekk jiena student/a tal-iskola medja x'inhu mistenni minni?

T Għandek tidħol fil-klassi/gruppi tiegħek onlajn għal-lezzjonijiet nhar it-Tnejn 12 u t-Tlieta 13 t' April 2021, u minn nhar l-Erbgħa 14 t'April 2021 terġa' tibda tattendi l-iskola tiegħek

M Kif u meta se jiftħu l-iskejjel Sekondarji?

T Minn nhar it-Tnejn 12 t'April 2021 l-iskejjel sekondarji ser ikomplu bil-lezzjonijiet onlajn sa nhar il-Ħamis 15 t'April u jiftħu b'mod fiżiku nhar il-Ġimgħa 16 t'April 2021

M Jekk jiena student/a tal-iskola sekondarja x'inhu mistenni minni?

T Għandek tidħol fil-klassi/gruppi tiegħek onlajn għal-lezzjonijiet nhar it-Tnejn 12 sal-Ħamis 15 t' April 2021, u minn nhar il-Ġimgħa 16 t'April 2021 terġa' tibda tattendi l-iskola tiegħek

M Ir-Resource Centres ser jiftħu?

T Iva

M Liema Resource Centres ser jiftħu nhar it-Tnejn 12 t'April 2021?

T Ser jiftħu ċ-ċentri San Miguel u dak f'Sannat (Għawdex)

M Liema Resource Centres ser jinfetħu nhar l-Erbgħa 14 t'April 2021?

T Ser jiftħu ċ-ċentri Helen Keller u Guardian Angel. It-Tnejn 12 u t-Tlieta 13 t'April dawn iċ-ċentri ser jissoktaw onlajn.

M Liema Resource Centres ser jinfetħu l-Ġimgħa 16 t'April 2021?

T Ser jiftaħ iċ-ċentru tal-Wardija. Mit-Tnejn 12 sal-Ħamis 15 t'April dawn iċ-ċentri ser jissoktaw onlajn.

[1] Dawn il-Mistoqsijeit u t-Tweġibiet jirreferu għall-Iskejjel tal-Istat

M It-trasport b'xejn tal-iskola ser ikun provdut mill-ewwel jum tal-ftuħ mill-ġdid tal-iskola?

T Iva ser ikun provdut bħalma u kif kien provdut qabel ingħalqu f'Marzu 2021.

M Kif u meta se jiftħu l-istituzzjonijet post-sekondarji u terzjarji?

T Dawn l-istituzzjonijiet ser ikomplu bit-tagħlim online għajr għal-lezzjonijiet prattiċi li jkunu meħtieġa. Dawn iseħħu fl-iskola f'osservanza tal-miżuri tas-saħħa.

M L-eżamijiet tal-iskejjel ser isiru?

T Bl-iskejjel miftuħin, iva ser isiru kif ippjanati, bil-miżuri neċessarji wkoll.

M L-eżamijiet tal-istudenti tal-11-il sena kif ser ikomplu?

T L-eżamijiet magħrufa bħala "mocks" ser ikomplu skont l-ordni tat-timetable tal-eżamijiet li kellkom qabel.

M X'ser jinbidel mill-iskeda li kellna tal-mocks?

T Kull m'hu ser jinbidel huma d-dati.

M Meta ser jibdew il-mocks?

T Ser jibdew minn nhar it-Tnejn 19 t'April 2021

M Ser nerġgħu nirċivuha l-iskeda tal-eżamijiet tal-mocks?

T Iva ser terġgħu tirċevuha.

M L-Eżamijiet tal- MATSEC ser ikunu qed isiru?

T Bl-iskejjel miftuħin, iva l-eżamijiet tal-MATSEC ser ikunu qed isiru skont it-timetables maħruġa u bil-miżuri maħruġin neċessarji.

M L-istudenti li jattendu l-iskejjel virtwali, x'se jagħmlu?

T L-iskejjel virtwali tal-primarja, tal-medja u tas-sekondarja ser ikomplu bil-ħidma tagħhom minn nhar it-Tnejn 12 t'April 2021.

M L-iskejjel virtwali ser jimxu bl-istess *timetable* li kellhom?

T Iva it-tagħlim onlajn ser jibqa' jsir skont it-*timetables* tagħhom.

M Il-Learning Support Centres kif ser jaħdmu?

T Min nhar it-Tnejn ser jerġgħu jibdew il-lezzjonijiet online għall-istudenti kollha, l-istudenti tas-7 u t-8 sena jibdew jattendu l-iskola nhar l-Erbgħa filwaqt li dawk tas-snin 9, 10 u 11 jibdew jattendu nhar il-Ġimgħa 16 t'April 2021.

M Kemm huma siguri l-iskejjel?

T Il-miżuri kollha li daħlu fis-seħħ b'suċċess sa mill-bidu tas-sena skolastika ser jibqgħu jiġu osservati b'mod rigoruż. Dawn jinkludu d-distanzjar, brekjs f'ħinijiet differenti, l-illimitar fit-taħlit tal-gruppi, tindif spiss tal-idejn, iċċekkjar tat-temperatura malli kull persuna tidħol fl-iskola, eċċ.

M Għandi nattendi l-iskola biex nitgħallem?

T L-iskejjel bil-miżuri ta' prekawzjoni u b'kulħadd responsabbli li josservahhom il-ħin kollu, huma miftuħin kuljum għat-tfal u għall-istudenti kollha. Fl-iskejjel isir it-tagħlim tas-suġġetti u nedukaw lilna nfusna flimkien. Dawn imporatnti ħafna u aħjar mill-iskola m'hemmx.